# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 30 ta' Settembru 2021**

Appell numru 77/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Omissis**
**Keith ATTARD**
**Marvin Mackay**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Marzu 2020 fil-konfront ta' Keith ATTARD, karta tal-identità bin-numru 430064M li ġie mixli (in suċċint):

> Talli fil-perjodu bejn Marzu u Diċembru 2007, f'dawn il-Gżejjer personalment kif ukoll fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur tal-kumpanija K&L Attard Co Limited, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> i. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq ieħor, ingann jew billi wera' ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
>
> ii. U aktar talli fl-istess dati u ċirkostanzi, appropjra ruħħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħhra, is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u

disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, Keith Attard u Omissis ġew akkużati ukoll talli:

iii. Fil-perjodu ta' bejn Marzu u Diċembru 2007, flimkien bil-kompliċita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, sabiex tiksbu vantaġġ u/jew benefiċċju għalikhom infuskhom u/jew għall-ħaddieħor, xjentement għamiltu jew inqastu milli tagħmlu jew ippermettejtu li jsir jew jonqos li jsir xi att jew xi ħaġa biex tevadu d-Dazju tas-SISA fuq kwantita' ta' sigaretti u tabakk li jammonta għal €4,239.955 u €101,891 rispettivament, kif ukoll inqastu milli tirraportaw fiż-żmien preskritt bil-Liġi, l-istess kwantita' ta' sigaretti u tabakk meħlusa għall-konsum;

Kif ukoll fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax, flimkien ma' Omissis u Marvin Mackay:

iv. Fil-perjodu ta' bejn Marzu u Diċembru 2007, flimkien bil-kompliċita' u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, sabiex tiksbu vantaġġ u/jew benefiċċju għalikhom infuskhom u/jew għall-ħaddieħor, xjentement għamiltu jew inqastu milli tagħmlu jew ippermettejtu li jsir jew jonqos li jsir xi att jew xi ħaġa biex tevadu d-Dazju tas-SISA fuq kwantita' ta' sigaretti u tabakk li jammonta għal €4,239.955 u €101,891 rispettivament, kif ukoll inqastu milli tirraportaw fiż-żmien preskritt bil-Liġi, l-istess kwantita' ta' sigaretti u tabakk meħlusa għall-konsum;

v. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri kollha esebiti.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat lil Keith Attard mhux ħati tat-tieni imputazzjoni (dik tal-appropjazzjoni indebita) u minnha lliberatu skond il-Liġi u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra kif miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal ħmistax -il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġiijiet ta' Malta u multa komplessiva ta' €13,025,538 li terz minnha ossia €4,341,846 huma pagabbli minnufih bħala dejn ċivili lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana; il-bilanċ jitħallas skond il-liġi. In oltre, bis-saħħa ta' artikoli 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħlas in solidum tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-espert Dr. Joe Mifsud in konnessjoni mar-rapporti esebiti bħala dok 20, 21, 22 u 24.

3. Illi Keith ATTARD appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja u tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-imputat mhux ħati tat-

tieni imputazzjoni, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza fejn l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra. Dan kollu wara li stqarr is-segwenti :

> (i) Is-sentenza appellata hija nulla għal tlett ragunijiet: (i) għaliex fid-Decide ċċitat dispożizzjonijiet tal-Liġi li tagħhom l-appellant ma nstabx ħati (Art. 293 u 294); (ii) nullita għaliex l-QOM sabet ħtija kemm taħt l-Artikolu 308 u kemm taħt it-309 meta dawn iż-żewġ reati huma ġuridikament distinti minn xulxin; (iii) nullita in kwantu jirrigwarda s-sejbien tal-ħtija fuq il-frodi (1 imputazzjoni) għaliex minn imkien ma jirriżulta jekk is-sejbien ta' ħtija hiex fil-konfront tal-appellant personali jew vikarjament.
>
> (ii) In kwantu jirrigwarda l-1, 3 u 4 (enumerata l-5 imputazzjoni a fol. 3 tal-atti), l-appellant ma seta' qatt jinstab ħati fil-vesti personali tiegħu. Mill-atti jirriżulta ċar li l-awtorizzazzjoni sabiex issir il-kustodja f'maħzen ingħatat lill-kumpanija K&L Ltd u anki l-bejgħ mill-kumpanija sar u l-ħlas ta' dazju u SISA u għalhekk, semmai, l-appellant agixxa fil-vesti tieghu ta' direttur tal-kumpanija. Anki fir-rinviju tal-gudizzju l-AG injora dan u l-akkużi ġew arġinati iżda r-riżultanzi proċesswali juru li semmai hemm responsabilita vikarja u mhux personali.
>
> In oltre anki l-akkużi kif oriġinarjament miġjuba (3 u 5) ġew addebitati lill-esponent fil-vesti personali tiegħu meta n-notice to prosecute kemm tal-Kontrollur (fol. 47) kif ukoll tal-Kummissarju tal-VAT (fol.43) jikkontemplaw responsabilita vikarja.
>
> Din l-analizi l-QOM ma għamlithiex u sabet lill-appellant ħati personalment tal-akkużi.
>
> (iii) Mingħajr preġudizzju, semmai ir-riżultanzi proċesswali kienu jippuntaw lejn appropjazzjoni ndebita u mhux frodi.
>
> (iv) Analiżi u evalwazzjoni żbaljata tal-QOM tal-provi skont mhu sejjer jirriżulta mit-trattazzjoni. Ġiet attribwita responsabilita lill-appellant li kienet ta' ħaddiehor.

**Ikkunsidrat**

4. Illi din hija sentenza li sejra tingħata fir-rigward tal-preġudizzjali sollevata fl-ewwel eċċezzjoni li fiha tliet raġunijiet. L-ewwel raġuni għan-nullita' tirrigwarda l-fatt li skond l-appellant, fil-parti operativa tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), iċċitat id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, u dan minkejja illi m'għaddhietx sabiex issib ħtija fl-imputat appellant għal dawn ir-reati.

5. Il-ġurisprudenza Maltija tgħallem li mhux kull irregolarita li jista' jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita tagħha. Kif ġie deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fil-provvediment dwar in-

nullita ta' appell mill-Avukat Ġenerali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Russell Bugeja** tat-3 ta' Marzu 2008:

> Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu lmassimi interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat u benedicta est expositio quando res redimitur a destructione.

6. Il-Liġi tippreffiġġi r-rekwiżiti ad validitatem li jrid ikun fiha sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. In-nuqqas ta' tħaris ta' dawn ir-rekwiżiti jwassal għan-nullita tas-sentenza tal-Qorti. Hekk per eżempju huwa misjub f'diversi fosthom: **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat,[1] Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield,[2] Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon,[3] Il-Pulizija vs. Carmel Attard,[4] Il-Pulizija vs. Robert Farrugia,[5] Il-Pulizija vs. Philip Zahra,[6] Il-Pulizija vs. Francis Mallia,[7] Il-Pulizija vs. Anthony Zahra,[8] Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia.[9]**

7. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li ma jippremettix li fis-sentenza jkun hemm impreċiżjonijiet li joħloqu inċertezza fil-moħħ tal-akkużat għal dak li jirrigwarda r-reat li għalih ikun ġie misjub ħati u l-fatti li fuqhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi s-sentenza tkun trid tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun instab ħati, kif ukoll li jkun fiha l-artikolu/i tal-Liġi li jkun jikkontempla r-reat li tiegħu l-imputat ikun sejjer jinstab ħati u dan minbarra l-piena li għandha tingħata fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

8. Dan ifisser ukoll li għandu jkun hemm armonija bejn ir-reat li bih l-imputat ikun ġie mixli – kif rifless fl-artikoli ċitati mill-Qorti meta tgħaddi għas-sentenza tagħha – mal-fatti li tagħhom huwa jkun ġie misjub ħati

[1] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994)
[2] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.06)
[3] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2019)
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[7] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[8] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)

– kif jistgħu ukoll ikunu riflessi fil-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet il-Qorti qabel tkun waslet għal tali deċiżjoni.

9. Għal raġuni jew oħra, ġieli jiġri li l-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx daqshekk preċiża fit-tħaris u t-twettieq ta' dawn ir-rekwiżiti fis-sentenzi tagħha. Din il-Qorti imbagħad tkun trid tara, fil-każ partikolari, jekk tali impreċiżjoni tkunx ta' entita u gravita tali li tista' twassal għall-estremi tan-nullita ta' dik is-sentenza. Dan peress li kollox f'dan il-qasam huwa relattiv u jiddependi ħafna mill-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati tkun fehmet il-każ u l-mod kif tkun esprimiet ruħha fis-sentenza jew fil-mod ta' kif tkun naqset milli tesprimi ruħha fis-sentenza, skont il-każ. Per eżempju, in-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati li ssemmi l-artikolu tal-Liġi li dwaru u fuqu tkun qegħdha ssib il-ħtija, huwa kjarament raġuni li fuqha din il-Qorti għandha s-setgħa li ssib li dik is-sentenza tkun difettuża b'mod tali li jwassal għan-nullita tagħha.

10. Mill-banda l-oħra jekk il-Qorti tal-Maġistrati mhux talli ssemmi l-artikolu tal-Liġi li dwaru tkun qegħda ssib il-ħtija talli ssemmi wkoll artikoli oħra tal-Liġi li dwarhom ma tkunx qegħda tinstab il-ħtija, din il-Qorti trid tara jekk u safejn din ir-referenza għall-artikolu tal-Liġi li fuqu ma tkunx qegħda tinstab il-ħtija tkunx tikkostitwixxi impreċiżjoni li tista' twassal għan-nullita ta' dik is-sentenza. Iżda anke hawn, kollox jiddependi mill-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati tkun esprimiet ruħha fis-sentenza tagħha.

11. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun immotivat is-sentenza tagħha b'mod tali li mill-istess sentenza jkun jirriżulta kjarament liema huwa dak ir-reat li tiegħu tkun qegħda ssib lill-imputat ħati ad esklużjoni ta' reati oħrajn li setgħu kienu kontestati lill-imputat, anke in via alternattiva - b'mod għalhekk li l-imputat ikun jista' kjarament jiddixxerni u jagħraf fejn huwa jkun ġie misjub ħati u fejn huwa ma jkunx ġie misjub ħati - allura r-riferenza għall-artikolu tal-Liġi li tiegħu l-imputat ma jkunx ġie misjub ħati jsir superfluwu u ma jkollux effett fuq l-integrita tal-ġudizzju. Iżda jekk mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati ma timmotivax is-sentenza tagħha jew ma tkunx speċifika fir-rigward ta' liema reat tkun qegħda tinstab il-ħtija, jew saħansitra minħabba li ma tkunx spjegat (sew) il-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha tħalli dubju dwar fejn tkun radikata l-ħtija tal-imputat - b'mod li l-ħtija tkun indistingwibbli, jekk mhux ukoll konfliġġenti jew kontradittorja - allura imbagħad f'dak il-każ jista' jkun hemm l-estremi tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

12. Issa, filwaqt li huwa minnu li l-Qorti tal-Maġistrati fil-kaz in diżamina iċċitat id-dispożizzjonijiet tal-Liġi li mbagħad l-akkużat ma nstabx ħati tagħhom, mill-banda l-oħra fil-kunsiderazzjonijiet tagħha hija spjegat li ma kienux, skontha, jirriżultaw l-estremi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita u iċċitat id-dispożizzjonijiet tal-artikoli tal-Liġi li dwarhom hija għaddiet sabiex issib ħtija fl-akkużat. F'din l-istanza l-Qorti tal-Maġistrati kienet ċara fir-rigward ta' liema reat ma kienetx qegħda ssib il-ħtija dwaru. Allura din il-Qorti tqis li l-inklużjoni tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali kienet waħda superfluwa u li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet, anzi kellha, tgħaddi mingħajrha. Iżda din fiha nnifisha, f'dan il-kuntest ta' din is-sentenza, mhix xi impreċiżjoni li twassal għan-nullita tas-sentenza.

## Ikkunsidrat

13. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet ċara fil-fatt li qieset l-imputazzjoni taħt l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali bħala li kien reat mogħti "bhala alternattiv ghal dak ta' frodi". Bosta drabi, il-Prosekuzzjoni timputa r-reat ta' approprjazzjoni indebita bħala reat alternattiv għal dak ta' truffa jew ta' frode innominata. Iżda jkun hemm ukoll ċirkostanzi, ad eżempju fejn ikun hemm aktar minn fatt ġuridiku wieħed, fejn ir-reati t'approprjazzjoni indebita, truffa jew frode innominata jistgħu jingħataw b'mod kumplimentari għal xulxin. Anke hawn kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ.

14. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonkludiet li l-imputazzjoni ta' approprjazzjoni indebita kienet alternattiva għal dik ta' "frodi". Bi "frodi", f'dan il-kuntest tar-raġunament tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) msemmi aktar il-fuq, din il-Qorti fehmet li hija kienet qegħda tirreferi għar-reati ta' truffa jew frode innominata; anke peress li r-reat t'approprjazzjoni indebita, fih innifsu, huwa reat li jaqa' taħt is-Sub-Titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, intitolat "Fuq il-Frodi".

15. Mingħajr ma tidħol fuq dan il-meritu, din il-Qorti rat li l-formula adoperata mill-Qorti tal-Maġistrati meta ġiet għad-deċide tagħha kien fis-sens li ma sabitx lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni tal-approprjazzjoni indebita, filwaqt li sabithom ħatja "**tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba kontra taghhom**".

16. Issa ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ċara li kienet qegħda tqis ir-reat t'approprjazzjoni indebita bħala li kien inkluż fl-

imputazzjonijiet kontra l-appellanti b'mod alternattiv għal dak ta' truffa jew frode innominata, din il-formula li ġiet użata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċide tas-sentenza tagħha mhix korretta. Fi kliem il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mary Vella** tal-1 ta' Frar 2002:

> Din il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel qorti, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, waslet ghall-konkluzzjoni li din it-tieni imputazzjoni kienet alternattiva ghall-ewwel wahda, u ghaddiet biex tillibera lill-appellanti (allura imputata) minn din it-tieni imputazzjoni. Ghal kull buon fini din il-Qorti sejra ttenni dak li diga nghad f'diversi sentenzi u cioe` li meta l-imputazzjonijiet jew akkuzi jkunu alternattivi, qorti ta' prim' istanza li ssib htija dwar imputazzjoni jew akkuza minnhom ghandha mhux tillibera mill-imputazzjoni jew akkuza alternattiva izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha, u dan sabiex b'hekk qorti ta' appell ma tigix prekluza milli tiddeciedi bil-kontra (fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi) fl-assenza ta' appell minn naha tal-prosekuzzjoni – ara f'dan is-sens Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar App. Krim. 18/9/1996, Il-Pulizija v. Carmel Debono App. Krim. 1/11/1996, u Il-Pulizija v. Paul Abdilla u Alfred Oliva App. Krim. 20/11/2000.

**Ikkunsidrat**

17. Illi ma dan il-punt, tiżdied it-tieni istanza ta' nullita' sollevata mill-appellant, li tirrigwarda d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tinkludi fil-parti operativa tas-sentenza, kemm ir-reat ta' truffa ikkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll dik ta' frode innominata taħt l-Artikolu 309 tal-imsemmi Kodiċi. Mis-sentenza donnu jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat li dawn iż-żewġt ipoteżi tar-reat ta' frodi bħala li kienu integrati f'dan il-każ mingħajr ma tispeċifika ċ-ċirkostanzi fattwali li wasluha għal din il-konklużjoni u jekk kienux jitnisslu minn fatt ġuridiku waħdieni jew kienux jitnisslu minn fatti ġuridiċi distinti minn xulxin.

18. L-appellant jikkontendi li dan il-fatt iwassal għan-nullita' tas-sentenza in kwantu ir-reati ta' truffa u frode innominata huma reati li huma ġuridikament distinti minn xulxin.

19. Huwa fatt li dawn iż-żewġt reati huma regolati b'artikoli distinti minn xulxin – l-artikolu 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Huma reati li għandhom elementi li jikkoinċidu, għalkemm ir-reat ta' truffa għandu element speċifiċi aktar kumplessi minn dawk tal-frode innominata. Fil-ġurisprudenza Maltija ġie deċiż diversi drabi li r-reat ta' frode innominata jista' jitqies bħala reat minuri iżda kompriż jew involut fir-reat ta' truffa. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. George Manicolo** deċiż

nhar il-31 ta' Lulju 1998 intqal li r-reat kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali kien kompriż u involut fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-elementi li jikkostitwixxu l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali huma komuni mal-artikolu 308 tal-istess Kodiċi. L-istess kien ġie deċiż fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby** nhar it-12 ta' Frar 1999 fejn allura kien intqal li jekk l-ingann jew il-qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizji allura jiġi integrat ir-reat ta' truffa. Jekk le, allura jkun hemm ir-reat minuri ta' frode innominata. Din id-distinzjoni toħroġ ukoll b'mod ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela German:**[10]

> In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li: "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."

20. Il-formula regolanti r-reat ritenut kompriż u involut tinsab fl-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali - huwa applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, mutatis mutandis, bis-saħħa tal-artikolu 525(3) tal-Kodiċi Kriminali – li jgħid li:

> (1) Il-ġuri, meta jiġi biex jiddelibera, għandu jara, l-ewwelnett, jekk l-akkużat hux ħati tar-reat miġjub kontra tiegħu fl-att tal-akkuża, biċ-ċirkostanzi aggravanti kollha, jekk ikun hemm, u li jkunu msemmijin f'dak l-att; u, jekk il-ġuri jkun ta' fehma li dinil-ħtija ġiet ippruvata, għandu, bil-mod li jingħad fl-artikoli 468 u 469, isib l-akkużat "ħati".
>
> (4) Meta ma jiġix ippruvat ir-reat kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, **basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-att tal-akkuża**, il-ġuri jista' **jew** jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti **jew** iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, **jew** isib l-akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-

[10] 30 ta' Diċembru 2004

fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ. **Il-ġuri jista' jagħti l-verdett tiegħu billi jgħid "ħati mingħajr iċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi ta'............", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jkun irid jeskludi; inkella, "ħati biċ-ċirkostanza jew biċ-ċirkostanzi ta'............", u jsemmi ċ-ċirkostanza jew iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti; inkella, "ħati, iżda biss ta'.......... ...", u jsemmi r-reat jew l-attentat (jew il-fatti li jagħmlu dan ir-reat jew attentat) li fuqu, kif jingħad hawn fuq, il-ġuri jista' jsib ħati lill-akkużat.**[11]

(5) Jekk il-ġuri jkun ta' fehma li l-akkużat m'hu ħati f'ebda mod kif jingħad hawn fuq, għandu jsib l-akkużat "mhux ħati".

21. Dil-Liġi toħloq proċess ta' deliberazzjoni tal-fatti abbinati mar-reati kontestati lill-imputat jew akkużat bażat fuq ordni ġerarkiku li fuqu min għandu jiġġudika l-fatti tal-każ għandu jsejjes l-analiżi tiegħu. B'hekk jekk min jiġġudika l-fatti ma jkunx sodisfatt li l-Prosekuzzjoni tkun pruvat, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, ir-reat prinċipali kontestat minnha fl-imputazzjonijiet jew l-akkużi, qabel ma jgħaddi biex jeħles lill-imputat jew akkużat huwa jrid li jara jekk il-provi jwasluhx, sal-istess grad ta' suffiċjenza probatorja rikjesta mill-Liġi, li jsib il-ħtija tal-imputat jew akkużat f'xi waħda minn dawk il-forom sussidjarji imsemmija fl-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali.

22. Meta ma jiġix ippruvat ir-reat prinċipali kif miġjub fl-att tal-akkuża, iżda mis-smigħ tal-kawża jinsab jew li sar l-istess reat imma ta' xorta anqas aggravanti jew reat iżgħar inkella attentat biss, basta li dawn ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-"att tal-akkuża", min jiġġudika l-fatti jista' jew jeskludi ċ-ċirkostanzi aggravanti jew iżid dawk iċ-ċirkostanzi li jagħmlu r-reat ta' xorta anqas aggravanti, jew isib l-imputat jew akkużat ħati ta' reat iżgħar jew ta' attentat, inkella tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat, skont ma jkun il-każ.

23. Dan juri allura li jekk il-Prosekuzzjoni tkun pruvat l-imputazzjoni jew l-akkuża prinċipali tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, min jiġġudika l-fatti għandu d-dmir li jsib il-ħtija tal-akkużat għall-akkuża miġjuba kontrih u li jgħid li qiegħed isib il-ħtija fir-rigward ta' dak ir-reat – mingħajr pero ma joqgħod jinkludi wkoll is-sejbien ta' ħtija ta' dawk ir-reati l-oħra li jkunu ritenibbli kompriżi jew involuti fih, sakemm ma jkunx hemm fatti ġuridiċi separati u distinti minn dawk li jwaslu għas-sejbien ta' ħtija tar-reat prinċipali, u li in bażi tagħhom min jiġġudika l-fatti jista' jsib ukoll ħtija kontestwali għal dak ir-reat.

[11] Enfiżi miżjuda.

24. Jekk imbagħad min jiġġudika l-fatti ma jsibx li jkun ġie pruvat b'sikurezza legali ir-reat prinċipali, iżda jkun sodisfatt b'sikurezza legali li jkun ġie integrat "reat iżgħar" "inkella attentat biss", dment li r-"reat iżgħar" jew l-"attentat" ikunu kompriżi jew involuti f'xi parti tal-imputazzjoni għar-reat prinċipali, allura min irid jiġġudika l-fatti jista' jsib il-ħtija fl-imputat jew akkużat ta' dak ir-"reat iżgħar" jew tal-"attentat" jew tal-fatti li jagħmlu dak ir-reat iżgħar jew l-attentat skont il-każ.

25. Mid-diċitura ta' din il-Liġi jirriżulta li – fil-każ fejn ikun hemm biss fatt ġuridiku waħdieni li minnu jitnisslu r-reati de quo - min għandu jiġġudika l-fatti jista' jsib ħtija fl-imputat jew akkużat tar-"reat iżgħar" jew inkella "attentat" **biss** jekk ma jkunx sodisfatt lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li jkun ġie mwettaq ir-reat prinċipali kontestat fl-imputazzjonijiet jew fl-akkuża, li, stando ma dak mistqarr mill-Liġi, jrid ikun reat "akbar" – ossija ta' serjeta legali maġġuri minn dak ir-reat li jista' jiġi meqjus bħala kompriż jew involut fih.

26. Inoltre din il-Liġi turi wkoll li – fil-każ fejn ikun hemm biss fatt ġuridiku waħdieni li minnu jitnisslu r-reati de quo - l-għażla ta' min irid jiġġudika l-fatti hija bażata fuq l-alternattivita bejn ir-reat akbar u dak minuri li tiegħu tista' tinstab ħtija biss jekk min jiġġudika l-fatti ma jkunx soddisfaċentement soddisfatt mill-eżistenza tar-reat akbar.

27. Iżda minbarra dan, in-natura alternattiva tar-reati ta' truffa u frode innominata temerġi wkoll mid-diċitura tal-istess Liġi in kwantu fl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali tipprospetta l-possibilita' ta' integrazzjoni ta' dak ir-reat fl-eventwalita biss fejn persuna tagħmel qliegħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor b'xi mezz mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jaqra' hekk:

> 309.Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sasentejn jew il-multa.

28. Iġifieri jekk jirriżulta li jkun ġie kommess att qarrieqi ieħor li jkun jaqa' fil-parametri ta' reat speċifiku imsemmi fis-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, huwa dak ir-reat li jkun irid jiġi imputat. Jekk dak ir-reat jiġi pruvat sal-grad tas-sikurezza legali, huwa dak ir-reat li jkun irid jiġi ritenut integrat ad esklużjoni tar-reat previst fl-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali. Dan peress li l-frode innominata tista' tissussisti biss fil-każ fejn ebda reat ieħor imsemmi fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali ma

jkun issussista. Dan peress li r-reat ta' frode innominata huwa reat sussidjarju li jista' jikkonfigura biss meta kull ipoteżi ta' reat ieħor imsemmi fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali tiġi eskluża. Minn natura tiegħu għalhekk dan ir-reat huwa alternattiv għar-reati l-oħra imsemmija fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali – sakemm ma jkunx imputat fl-istess kawża minħabba li jkun jitnissel minn fatti ġuridiċi separati u distinti minn dawk li għalihom ikun jirreferi r-reat prinċipali jew ir-reat ieħor imsemmi fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

29. Dawn il-konsiderazzjonijiet legali huma importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Stabbilit li l-ġurisprudenza tqis il-frode innominata bħala reat iżgħar iżda kompriż jew involut fir-reat ta' truffa, u fil-kontemp, minn natura tiegħu, salv prova kuntrarja jitqies li huwa alternattiv għar-reati l-oħra imsemmija fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-titolu III tat-Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jistgħu ikunu ġew imputati miegħu fil-kawża, ifisser li l-Qorti tkun trid tara jekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, dawn ir-reati – fil-każ odjern it-truffa u l-frode innominata - ikunux ġew imputati mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv[12] fejn allura l-ipoteżi ta' sejbien ta' ħtija tar-reat maġġuri teskludi wkoll is-sejbien ta' ħtija kontemporanja tar-reat minuri iżda kompriż u involut fih; jew inkella dawn iż-żewġt reati jkunux ġustifikati li jikkoeżistu minħabba li ċ-ċirkostanzi tal-każ jippreżentaw xenarji ta' aktar minn fatt ġuridiku wieħed li jista' jagħti lok għall-eżistenza ta' dawn iż-żewġt reati b'mod parallel.

30. F'dan il-każ, fil-komparixxi, il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat appellat **__biss__** bir-reat taħt l-artikoli 308 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda mbagħad, għal xi raġuni, fl-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali a fol 237 ġew ċitati kemm l-artikolu 308 kif ukoll l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali. Din in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju hija allura d-dokument akkużatorju preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li allura jorbot lil dik il-Qorti, minflok iċ-ċitazzjoni preżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-bidu tal-kawża. Kif intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Michael Carter** deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fis-7 ta Diċembru 2001:

> Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-

[12] u din l-alternattivita ma għandhiex għalfejn tiġi espressament imsemmija fiċ-ċitazzjoni – ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Muscat,** Deċiż fis-17 t'Ottubru 1997.

gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.

31. B'hekk bil-fatt li l-Avukat Ġenerali għażel li jixli lill-appellant kemm taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali li kien oriġinarjament imputat, kif ukoll taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, juri li donnu li l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jipprospetta li minn qari tal-fatti tiegħu tal-atti tal-istruttorja setgħa kien hemm l-ipoteżi ta' sejbien ta' ħtija f'dawn iż-żewġt reati kontemporanjament bejniethom. Altrimenti ma kienx jagħmel sens li jinkludi wkoll l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali meta l-Kummissarju tal-Pulizija kien inkluda oriġinarjament biss l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali kontra l-imputat appellant. Biss stante li fin-nota tar-rinvija għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali mhux obbligat li jispjega għaliex huwa jkun qiegħed jixli bil-mod imsemmi fl-istess nota, x'kienet eżattament ir-rieda u l-veduta tal-Avukat Ġenerali wara din il-formula akkużatorja jibqa' misteru.

32. Naturalment din in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, kienet allura timponi obbligu ta' skrutinju tal-provi b'aktar reqqa minn naħa tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu issa x-xenarju akkużatorju assuma karattru aktar kumpless. Biss fis-sentenza tagħha imbagħad, dik il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fil-konsiderazzjonijiet tagħha stqarret li l-appellant u l-ko-imputat kienu, f'kuntest ta' reat kontinwat:

> b'ingann iffrodaw u gew li ghamlu qliegh b'qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta f'somma kbira li teccedi l-€2,329.37...Ghall-kommissjoni tar-reati intizat ukoll is-socjeta' msemmija. Il-provi juru li t-tnejn li huma, xjentement, kienu jikkoperaw ma xulxin fl-ghemil taghhom biex jevadu t-taxxa. L-imputati kienu jaf x'qed jaghmlu u l-provi juru li effettivament riedu jaghmlu dak li ghamlu. L-evidenza mressqa f'dan il-procediment gabet liz-zewg imputati Keith Attard u Marvin McKay **<u>passibbli ghar-reati kollha kif addebitati kontra taghhom hlief ghar-reat ta' appropriazzjoni indebita kif migjub fil-paragrafu numru (2)</u>**.[13] Dan ir-reat ma jirrizultax mill-provi imresqa; apparti l-konsiderazzjoni li dan ir-reat ikun inghata bhala alternattiv ghal dak ta' frodi.

[13] Enfażi miżjuda.

33. Dik il-Qorti jidher li riedet issib ħtija għar-**reati kollha** imputati minbarra l-approprjazzjoni indebita. U hawn huwa preċiżament il-punt.

34. Fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) riedet tara qabel xejn jekk kienx hemm ċirkostanzi tali li setgħu jiġġustifikaw is-sejbien ta' ħtija - fl-istess kuntest fattwali u ġuridiku - kemm tar-reat ta' truffa **kif ukoll** tar-reat ta' frode innominata simultanjament; jew inkella kienx jirriżulta li dawn ġew addebitati bħala alternativi għal xulxin fis-sens li l-fatti emerġenti mill-kuntest ġuridiko-fattwali waħdieni jnisslu jew ir-reat ta' truffa ad esklużjoni tar-reat minuri iżda kompriż u involut tal-frode innominata jew kienux jeskludu t-truffa u jintegraw biss b'mod sussidjarju r-reat ta' frode innominata.

35. Sakemm ma kienx hemm provi ċari mill-proċess li f'dan il-każ kien hemm aktar minn fatt ġuridiku wieħed li setgħa jagħti lok għall-integrazzjoni u sejbien ta' ħtija taż-żewġ reati kontemporanjament fl-istess kawża – fatt li ma ġiex mistqarr f'dik is-sentenza - allura skont l-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali reż applikabbli għal dik il-Qorti kif intqal aktar il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha l-ewwel tikkonsidra jekk il-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni kienux iwasluha sal-grad tas-sikurezza legali biex issib ħtija fir-reat ta' truffa. Jekk dak kien il-każ, allura dik il-Qorti kellha ssib il-ħtija tal-appellant fir-reat ta' truffa, tiċċita l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat: l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali u teroga l-piena.

36. Jekk mill-banda l-oħra kienet tqis li dak il-grad ta' prova ma jkunx ġie milħuq mill-Prosekuzzjoni dik il-Qorti setgħet imbagħad tara jekk kienx hemm provi sikuri li fuqhom issib lill-imputat appellat ħati tar-reat ta' frode innominata - ad esklużjoni tar-reat ta' truffa – u f'każ pożittiv, ma ssibx lill-appellant ħati tar-reat ta' truffa, iżda ssibu ħati tar-reat iżgħar iżda kompriż jew involut ta' frode innominata, tiċċita l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla r-reat: l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, u teroga l-piena.

37. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat li kienet qegħda ssib il-ħtija fl-imputat appellat kemm fir-reat ta' truffa kif ukoll fir-reat ta' frode innominata, mingħajr pero ma spjegat għaliex kienet qegħda tagħmel dan u jekk kienetx qegħda tagħmel dan minħabba li kienet sodisfatta mill-eżistenza ta' fatti ġuridiċi differenti li kienu jippermettula ssib il-ħtija kontemporanja fl-istess kawża. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni emerġenti mis-sentenza - u fin-nuqqas ta' prova suffiċjenti emerġenti mill-atti proċesswali ta' aktar minn fatt ġuridiku waħdieni li jista' jagħti lok għall-ko-eżistenza u ko-reita parallela ta'

dawn iż-żewġt reati fl-istess kawża, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet issib lill-imputat appellant ħati jew tar-reat ta' truffa jew tar-reat ta' frode innominata. Iżda ma setgħetx issibu **fl-istess kawża u fuq l-istess fatt ġuridiku**, ħati taż-żewġ reati, kif fil-fatt għamlet.

38. Dan qiegħed jingħad in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stqarret li l-fatt ġuridiku f'dan il-każ kien jikkonsisti f'dak li hija qieset li kienet l-azzjoni kordinata tal-imputat appellat mal-ko-imputat maqsuma fuq diversi episodji li seħħew fi żminijiet differenti intiżi sabiex bl-użu ta' stratagemmi qarrieqa, jevadu t-taxxa, dazju u sisa fuq kwantita ta' sigaretti u tabakk u li għalhekk wassal għal dawn l-imputazzjonijiet kontestati. Ma jirriżultax li dik il-Qorti għamlet riferenza għal xi fatt ġuridiku differenti minn dan li kien maqsum f'diversi episodji u li fuqu hija setgħet issejjes is-sejbien ta' ħtija kemm tar-reat ta' truffa kif ukoll tar-reat ta' frode innominata fl-istess waqt f'din il-kawża.

39. Għalkemm dawn ir-reati, mill-lat sostantiv huma ta' l-istess natura, f'dal-każ jidher li jitnisslu mill-istess fatt, huma ta' gravita differenti, u huma ispirati mill-Kodiċi tar-Renju tad-Due Sicilie, mill-lat proċedurali penali ir-relazzjoni tagħhom ma xulxin fir-rigward ta' kif u meta jistgħu jiġu ritentuti alternattivi jew kumplimentari hija wkoll, minbarra fid-diċitura partikolari użata mill-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali imsemmi aktar il-fuq, imsejsa fuq id-dritt proċedurali ingliż, ossija s-sors oriġinali tal-proċedura penali Maltija. Fir-rigward tal-mod ta' kif reati maġġuri jirrelataw ma reati minuri fi proċeduri kriminali fl-Ingilterra u Wales, b'mod partikolari dwar il-mod ta' kif u meta tista' tinstab ħtija alternattiva jew kumplimentari f'dawn it-tip ta' reati, il-Blackstone[14] jgħid hekk:

> It is usual in such cases for the judge in summing-up to tell the jury to consider first the more serious count **and only to go on to consider the lesser one if they are not satisfied as to the former**. Similarly, when verdicts are taken, the foreman will be asked first for the verdict on the graver count. **If it is guilty, the jury will be discharged from giving a verdict on the other; if it is not guilty, a verdict is also taken on the lesser count. It would not be proper in such cases to allow the jury to convict on both counts because the lesser count really merges into the greater.**[15]

40. Il-posizzjoni hija simili f'diversi sistemi Amerikani fejn hemm ukoll id-dottrina tal-"lesser-included offence" u b'mod partikolari l-kunċett ta' "double punishment". Hekk per eżempju:

[14] Criminal Practice, 2019, Oxford University Press, p. 1933, D19.72
[15] Enfażi miżjuda.

> Double Punishment and Lesser-Included Offenses
>
> Prosecutors often charge defendants with two offenses, one of which is a "lesser-included" of the other. A lesser-included offense is one that is a necessary part of a larger, more serious crime. For example, someone who shoots another might be charged with first-degree murder and assault with a deadly weapon. In this instance, the assault is a lesser-included offense of murder because all of its elements (deliberate use of a deadly weapon against another) are part of a murder charge, too (of course, the murder charge is more serious in that it includes an intent to kill the victim).
>
> When juries return verdicts of "Guilty" for two crimes, one of which is a lesser-included of the other, **both convictions cannot stand**. **The judge will not enter a conviction for the lesser, only the greater crime. And, the defendant will not be sentenced on the lesser, either.**[16]

41. Każ ieħor rapurtat fl-Alaska Law Review, pubblikat fl-1986, huwa State v. Minano deċiż mill-Court of Appeals, fejn intqal is-segwenti :

> The defendants in Minano were charged with robbery and assault in the second degree and a jury convicted them of both offenses. They appealed their convictions on the grounds that they were entitled to lesser-included offense instructions on the crimes of theft in the second degree and criminal mischief in the third degree (joyriding).' Additionally, they argued that assault in the second degree is a lesser-included offense of robbery so that conviction of both offenses was improper (**The state conceded error on this point; assault is necessarily included in the offense of robbery**).[17]

42. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant għandu raġun fir-rigward ta' din il-preġudizzjali.

43. Fiċ-ċirkostanzi fattwali li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, dik il-Qorti ma setgħetx issib lill-imputat appellant ħati kontemporanjament kemm tar-reat maġġuri (truffa) u fl-istess waqt espliċitament u dikjaratament ħati wkoll tar-reat minuri (frode innominata) fl-istess kuntest u fl-istess kawża simultanjament – sakemm ma tkunx iddikjarat raġuni speċifika, probatorjament ineċċepibbli u legalment sostenibbli għal dan; ħaġa li f'dan il-każ, fi kwalunkwe każ, ma saritx.

44. Fl-appell kriminali deċiż mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef William Harding fit-18 t'April 1959 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Piju Gafa'**

---

[16] https://www.lawyers.com/legal-info/criminal/criminal-law-basics/how-do-multiple-convictions-affect-my-sentence.html. Enfażi miżjuda.

[17] https://scholarship.law.duke.edu/cgi/viewcontent.cgi?referer=https://www.google.com/&httpsredir=1&article=1215&context=alr. Enfażi miżjuda.

intqal li meta jkun hemm imputazzjonijiet alternattivi u l-Qorti tiddikjara lill-imputat ħati, mingħajr ma tgħid pero għall-liema imputazzjonijiet huwa jkun qed jiġi dikjarat ħati, jiġi għalhekk li l-Qorti ma tkunx qalet ta' liema reat huwa jkun ġie misjub ħati – bil-konsegwenza li din il-vjolazzjoni ġġib in-nullita tas-sentenza.

45. Din hija għalhekk waħda minn dawk is-sitwazzjonijiet fejn tirriżulta ħtija indistingwibbli li twassal għan-nullita tas-sentenza appellata.

# Deċide

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata sollevata fit-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni u b'hekk qegħda tannulla u tħassar is-sentenza appellata. Stante n-natura tar-raġuni li waslet għan-nullita tas-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame, wara li rat l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddeċiedi din il-kawża skont il-Liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**